MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2008

Numru 1207/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**DOMENICO FURFURA, ta' 35 sena, iben Michele u Teresa nee' Farrugia, imwieled Palmi, l-Italja nhar l-20 ta' April, 1973, residenti f'Palmi, Italja, u detentur tal-karta ta' l-identita' li ggib in-numru 2077890AA;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **DOMENICO FURFARO**, li gie akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, nhar it-8 ta' Dicembru, 2008, jew f'xi perjodu qabel, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn

bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerjcali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw'

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) ghaxart elef Ewro ghad-dannu ta' Victor Sciriha minn Marsascala.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-istadju tal-interrogatorju, u anke li rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu fis-seduta ta' wara, moghti z-zmien li jahseb fuq l-istess, issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 167, 183, 308, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena – semghet lill-parte lesa Victor Sciriha li xehed li kien ircieva s-somma mertu ta' l-akkuza ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu. Konsiderando l-ammissjoni bikrija, wara li hadet in konsiderazzjoni dak li ntqal lilha fit-trattazzjonijiet dwar il-piena idonea, fuq il-htija gia' msemmija u wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet, qieghda tikkundanna lil Domecino Furfaro ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li din is-sentenza tigi trasmessa lill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------